# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2010

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IR-RABA' KLASSI | MALTI | ĦIN: SAGĦTEJN |
|---|---|---|

Isem: ______________________ Kassi: _____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 24 | 8 | 4 | 6 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**SAJD U GĦAWM**

Missieri għal qalbu hawn għax iħobb jistad. Daqqa jistad bil-ġobon, jinten pesta, u daqqa bil-gambli li jaqbad bil-kopp filgħodu kmieni. Il-gambli qishom tal-ħġieġ, u fl-ilma bilkemm jidhru. Dewwaqni wieħed minnhom. Kien tajjeb u ridt iżjed, imma qalli li dawk iridhom għas-sajd. *(par. 1)*

Il-moll quddiemna fih ħafna kanuni tal-ħadid imwaħħlin rashom 'l isfel. Missieri waħħal gamblu fis-sunnara. Min jaf kemm iweġġa', jaħasra! U qagħad jistenna, kif jagħmel il-qattus quddiem it-toqba tal-ġurdien, għassa mat-tapp jgħum f'wiċċ l-ilma, li miegħu kellu mdendla s-sunnara. Wara ftit it-tapp beda jiżfen u jagħmel iċ-ċrieki fl-ilma. F'daqqa waħda għodos, u missieri refa' l-qasba bis-salt. Il-qasba tgħawġet ganċ, u qabżet ħuta mill-ilma tferfer u tleqq qisha lsien tan-nar fiddien. Ħatafha malajr u qalgħalha s-sunnara li kienet qabdet ma' xoffitha, u tefagħha fil-landa fejn għal ftit ħin ferfret bħal miġnuna. Imma wara ftit waqfet u stajt nara sewwa l-ġmiel ta' qxur tal-fidda, b'ilwien roża, ħodor, koħol u deheb jilagħbu fuqhom. Qisha l-libsa ta' San Mikiel, dak tal-vara li hemm f'San Pawl. Minn ħalq il-ħuta kienet ħierġa ħajta demm. Ħasditni bi tferfira oħra u ma ċċaqilqitx iżjed. *(par. 2)*

Wara nofsinhar ommi tħajret tniżżilni ngħum. It-tfal kbar jgħumu weħidhom; jiġu bil-ġirja u jaqbżu għal rashom. Imma jien għadni żgħir u Lela l-ġara niżżlitni b'ċinga marbuta ma' sidri mit-taraġ ta' quddiemna fejn id-dgħajjes jgħabbu u jniżżlu n-nies. Wara l-ewwel dehxa għoġobni l-ilma frisk. Il-ġebel tal-moll aħdar bil-ħaxix ifuħ, u l-ilma tiela' u nieżel ħelu ħelu jgerger fix-xquq. Fix-xaqq ta' quddiem għajnejja sewwa rajt tiċċaqlaq biċċa mill-ġebla ħadra. Kien granċ li daħal jiġri 'l ġewwa, jiġri la ġenba. Inħsadt u nġbidt lura bis-saħħa, u nħallitli ċ-ċinga u nżilt. Rajt kollox ħdura mtappna u ħassejt dwejjaq kbar f'imnifsejja u f'sidri, u telgħu ħafna bżieżaq quddiem għajnejja waqt li f'widnejja l-ilma gedwed u baqbaq bħal meta tbattal flixkun. *(par. 3)*

(kitba ta' Michael Spiteri, magħruf bħala Kilin, mill-ktieb *Fuq il-Għajn ta' San Bastjan*)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Agħti titlu ieħor li joqgħod għal din is-silta.

______________________________________________ (marka)

2. B'xiex kien iħobb jistad il-missier?

______________________________________________ (marka)

3. X'ried jgħid biha l-kittieb meta fl-ewwel paragrafu nsibu *Il-gambli qishom tal-ħġieġ*?

______________________________________________________________ (marka)

4. Għalfejn it-tapp li kien f'wiċċ l-ilma beda jiżfen u jagħmel iċ-ċrieki fl-ilma?

______________________________________________________________ (marka)

5. Iddeskrivi fi kliemek il-ħuta li qabad mas-sunnara missier il-kittieb.

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (2 marki)

6. Għalfejn lill-kittieb niżżluh il-baħar b'ċinga marbuta ma' sidru?

______________________________________________________________ (marka)

7. Fl-aħħar naraw li l-kittieb malli ra l-granċ inħasad u nħallitlu ċ-ċinga. X'ġaralu eżatt?

_____________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (24 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Aqleb din is-sentenza fil-passiv: *Missieri qabad ħuta*.

______________________________________________________________ (marka)

2. *Il-landa mtliet bil-ħut.* Il-verb *mtliet* x'tifsira għandu?

(a) riflessiva ______, (b) reċiproku ______, (ċ) impersonali _____. (marka)

3. Imla l-vojt skont kif mitlub fil-ġenb.

| | |
|---|---|
| a. Jien ______ ma mort nistad f'għomri. | avverbju tan-negazzjoni |
| b. ______________ il-ħuta tferfer qisha miġnuna meta toħroġha barra mill-ilma? | avverbju tal-mistoqsija |
| ċ. L-ewwel għandek twaħħal il-ġobon mas-sunnara, ________________ itfa' s-sunnara fl-ilma. | konġunzjoni taż-żmien |

(3 marki)

4. *Missieri ċċentra l-ħuta mill-ewwel.* Iz-zokk morfemiku ta' *ċċentra* huwa:

(a) ċentrali ________, (b) ċċentrat ________, (ċ) ċentr ________. (marka)

5. Imla l-vojt skont kif mitlub fil-parentesi.

(a) Jien ____ ______________ nistad is-sena d-dieħla. (m-w-r)

(b) Biex wieħed ___________ jistad ma jridx ħafna affarijiet. (m-w-r)

(ċ) L-istudenti ġew imwiegħda li ______ _____________ tajjeb fl-eżamijiet, jeħduhom jum jistadu minn fuq lanċa. (m-w-r)

(3 marki)

6. Għid x'inhija l-kelma jew ittra b'sing taħtha:

| | |
|---|---|
| (a) *rid<u>t</u> (par.1)* | |
| (b) ... *kanuni tal-ħadid <u>imwaħħlin</u>* ... *(par. 2)* | |
| (ċ) *Ħasditni bi <u>tferfira</u> oħra* ... (par. 2) | |
| (d) ... *waqt li f'<u>widnejja</u> l-ilma gedwed* ... *(par.3)* | |

(4 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Mill-ewwel paragrafu sib kelma li tfisser: tani niekol ftit.

________________________________________________ (marka)

8. Fisser skont kif użat fis-silta.

| | |
|---|---|
| a. *ferfret bħal miġnuna (par. 2)* | |
| b. *dehxa (par. 3)* | |
| ċ. *jgerger (par.3)* | |

(3 marki)

9. Il-kittieb jgħid li l-ġobon kien *jinten pesta* (par.1). Xi ngħidu meta jkun hemm xi ħaġa tal-ikel jew xi fjura u li tkun tfuħ ħafna?

______________________________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

10. Il-kelma *ħatafha* (par. 2) għal xiex qiegħda tirreferi?

______________________________________________ (marka)

11. Agħmel analiżi tal-kelma *qalgħalha* (par. 2).

X'tip ta' verb hu? ________________________________ (marka)

X'għerq għandu? ________________________________ (marka)

X'hemm mehmuż miegħu? ___________________________ (marka)

**SINTASSI**

12. Agħmel il-punteġġjatura fejn meħtieġ:

ehmżu sew dak il-gamblu mas-sunnara marju qalli missieri.

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Ikteb bejn 80 u 100 kelma fuq karta separata.

a. Ix-xita qawwija li għamlet ilbieraħ ħalliet ħerba sħiħa fir-raħal ta' Ħal Muxi, tant li mietu wkoll xi nies li tkaxkru mill-ilmijiet qawwija. Ikteb rapport fuq din id-diżgrazzja.

## D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

a. Fisser il-qawl: Il-ħmar xi daqqiet jitla' l-arblu

_______________________________________________ (2 marki)

b. X'idjoma nużaw b'rabta mal-kuluri meta:

(i) xi ħadd juri l-ħażin bħallikieku tajjeb? ______________________

(ii) fil-ħajja mhux dejjem tkun xorta jew bl-istess burdata

_______________________________________________

(2 marki)

## E.TIFTIX/TRAWWIM KULTURALI (6 marki)

F'madwar 60 kelma, u fuq karta separata, ikteb xi tagħrif li laqtek meta kont qed taħdem fuq il-proġett *L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija*.

## F. LETTERATURA (30 marka)

(i) **ANESTESIJA/L-ISQAQ**

Ikteb madwar 80 - 100 kelma fuq karta separata. Agħżel waħda bejn a ***jew*** b.

a. Fir-rumanz *L-Isqaq* Stejfen jistqarr li f'ħajtu *" … kelli nara qatra ferħ u baħar ta' mrar."* Ikkummenta b'eżempji.

b. Fid-dramm *Anestesija* naraw dehra tassew ta' tħassib fuq il-ħajja li jgħix il-bniedem. Ikkummenta.

(8 marki)

(ii) **QAWSALLA** - Referenza għall-Kuntest

Aqra sewwa din is-silta, meħuda minn *Missier u Iben*, u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Id-dar tagħna ta' Los Ingallos fl-Imdina, qadima u, naturalment, nobilissima, bdejt inħossha qisha xi qabar monumentali. Bil-lejl, il-ħsus u d-dellijiet ta' ġo fija kont nistħajjilhom bħal xi piż kbir iross fuq il-qafas ta' sidri. Dan kien iżommni mqajjem u jħallini bla nifs, għoddni fgat għal kollox bl-għabra ta' tradizzjoni qadima wisq. Kont noqgħod ngħodd kull nota tal-arloġġi tal-knejjes tal-Imdina u tar-Rabat, qisni biex naqdi xi qadja mistika u għal kollox misterjuża, u nġebbed widnejja biex nara liema minnhom kienu 'l quddiem u liema lura! *(par. 1)*

Din id-dar nobgħodha ma kontx, imma nħobbha lanqas. *(par. 2)*

Missieri l-Baruni rabba l-buli. Ma kienx bniedem kiefer. Karità kien jagħmel ta' spiss, biss il-ħlas li kien mistħoqq lilu dejjem riedu fil-pront. U ftit kienu dawk il-bdiewa li naqsuh f'dil-ħaġa. *(par. 3)*

"B'hekk sirna dak li sirna." ….. *(par. 4)*

Ridt neħodha miegħu kemm-il darba, indarrih xi ftit b'dak li jien kont tgħallimt fl-Ewropa, ngħaddilu għal ġo moħħu mqar xrara waħda minn dik il-fjamma l-ġdida li kienet qiegħda ddawwal l-Ewropa kollha – għad li naqqxet u sawret xi dellijiet ġodda. *(par. 5)*

1. Min kiteb din is-silta?

_______________________________________________ (marka)

2. Fisser:

*qabar monumentali* (par. 1): ______________________________ (marka)

*għabra ta' tradizzjoni qadima wisq* (par.1): ________________________

_______________________________________________ (marka)

3. Għalfejn Mark-Antonin jgħid li *Din id-dar nobgħodha ma kontx, imma nħobbha lanqas* (par. 2)?

_______________________________________________ (marka)

4. Liema hi dik il-*fjamma l-ġdida* li jirreferi għaliha Mark-Antonin fl-aħħar paragrafu?

_______________________________________________ (marka)

5. X’inhi d-differenza bażika li toħroġ bejn il-missier, il-Baruni x-xiħ, u t-tifel tiegħu Mark-Antonin mis-silta kollha kemm hi?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

____________________________________________________ (2 marki)

6. Taħseb li din is-silta għandha tagħmel sehem mit-Taqsima *Ir-Rispett fil-Familja*?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

____________________________________________________ (3 marki)

(iii) **QAWSALLA –** Komponiment Letterarju

a. Fit-taqsima *Il-Protesta* nsibu tliet siltiet tal-proża. Agħżel tnejn (2) minnhom, u agħti l-kummenti tiegħek fuq x’tip ta’ protesta jagħtuna l-kittieba.

b. Ir-rispett u l-imħabba jimxu id f’id f’kull relazzjoni familjari. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal tliet (3) poeżiji mit-taqsima *Ir-Rispett fil-Familja*.

(12-il marka)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed**, u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.

1. Il-leħen li dewa mill-imgħoddi
2. Il-kaxxa li sibt moħbija
3. Blata
4. Fra Marjanu u z-zija Wenza
5. Bastiment fil-mewġ
6. Nixtieqni ħdejk
7. Twerwirt hekk kif rajt ...
8. Ħalliel il-ħsibijiet